



30.1.2015

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 2541/2013, imressqa minn Alberto Ruiz Gonzalez, ta' ċittadinanza Spanjola, dwar l-effetti tad-duttrina ta' Parot fi Spanja u fuq il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali Spanjol.

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jitlob lill-PE jiżgura li n-nuqqas tal-applikazzjoni tad-"duttrina ta' Parot" fi Spanja, li toħroġ minn sentenza ta' Lulju 2012 tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li ddikjarat il-ksur tagħha tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, għandu jqis in-natura tar-reat imwettaq, b'mod speċjali f'każijiet ta' stupru u/jew attakk sesswali. Il-firmatarju jitlob biex f'dawn il-każijiet, il-ħabsin rilaxxati jkollhom jilbsu brazzuletti tal-GPS permanenti tal-inqas sakemm ċertu kriterji (tlieta biex wieħed ikun iktar preċiż) ikunu ġew rispettati. Hawnhekk għandu jiġi nnutat, li d-"duttrina ta' Parot" ġiet adottata l-ewwel darba mill-Qorti Suprema ta' Spanja fl-2006 biex tirrestrinġi l-intitolament tal-ħabsin tal-ETA għal rilaxx bikri u benefiċċji oħra. Il-Qorti żgurat li l-maħfra għal xogħol li jkun sar fil-ħabs titnaqqas mis-sentenza totali minflok mil-limitu ta' 30 sena skont il-liġi Spanjola. Minkejja li, skont sentenza tat-8 ta' Marzu 1994, it-terminu massimu ta' 30 sena previst fl-Artikolu 70 tal-Kodiċi Kriminali tal-1973 kien jaġixxi bħala "sentenza ġdida u awtonoma, li għaliha kien japplika l-benefiċċju tal-ħabs previst fil-liġi", il-Qorti Suprema biddlet il-pożizzjoni tagħha f'sentenza tat-28 ta' Frar 2006 u introduċiet l-hekk imsejħa "duttrina ta' Parot", li biha r-remissjoni kellha tiġi applikata għal kull sentenza b'mod individwali, u mhux għat-terminu massimu ta' 30 sena.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fil-24 ta' Ottubru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda kompetenza biex tintervjeni fl-amministrazzjoni ta' kuljum tas-sistemi ta' ġustizzja tal-Istati individwali. Taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea attwali, il-Kummissjoni tista' tintervjeni biss fejn tkun involuta kwistjoni ta' liġi tal-UE.

Skont is-sitwazzjoni attwali, ma teżisti l-ebda leġiżlazzjoni tal-UE rigward il-kundizzjonijiet li taħthom rilaxx bikri jew benefiċċji oħra jkunu jistgħu jiġu mogħtija lill-ħabsin fl-Istati Membri. Għal din ir-raġuni, mhux possibbli għall-Kummissjoni li ssegwi din il-kwistjoni ulterjorment.

Konklużjoni

Skont is-sitwazzjoni attwali, għad ma hemm l-ebda regoli tal-UE li jistgħu jkunu applikabbli f'dan il-każ. Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni Ewropea f'dan il-qasam, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali u l-istituzzjonijiet penitenzjarji jidħlu fil-kompetenza esklussiva tal-awtoritajiet nazzjonali. Għal din ir-raġuni, mhux possibbli għall-Kummissjoni li ssegwi din il-kwistjoni ulterjorment.